*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 66*

***5.30p.m 28 ta' Settembru 2023***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier

### *Assenti*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *66.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

66.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill irċieva ittra t'apoloġija mill-Kunsillier is-Sur Colin Pace minħabba raġunijiet personali u mill-Kunsillier is-Sur Francis Debono minħabba raġunijiet ta' xogħol.

## *66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

66.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 65. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

66.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kors tal-Presepju beda' u l-parteċipanti huma verament kuntenti. Is-Sindku huwa ferm sodisfatt li l-kamra tal-Kunsill fl-Open Centre qegħda tintuża u ta' dan jixtieq jirringrazzja b'mod partikolari lil Kunsillier is-Sur Dominic Spencer li kompla jirsisti biex il-post jintuża. Dan ħalla effett pożittiv u jagħti enerġija biex il-Kunsill ikompli jiftaħ dawn il-postijiet għal Marsin.

66.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jilqa' l-istedina tad-Dipartiment tas-Saħħa fejn kull min huwa interessat u għandu l-fuq min 18-il sena, jista' jieħu t-tilqima tal-influwenza mill-bini tal-Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin.

66.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li x-xogħol fuq id-Day Care Centre miexi sew u diġà qed teħel il-kċina, filwaqt li diġà ġie mgħoddi d-dawl u l-ilma. Huwa spjega li aktar il-quddiem ser ikun qed jiġi diskuss meta l-post ser jiġi nawgurat.

## *66.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

66.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri talab dettalji dwar il-lift tal-bridge tal-Marsa Ħamrun by-pass u staqsa jekk dan huwiex funzjonabbli. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-lift tal-pont ma jistax ikun funzjonabbli qabel ma jingħalaq it-tender. Il-kap eżekuttiv tal-kumpanija s-Sur Ivan Falzon spjega li dan il-lift kellu jinbidel minħabba li l-'*mother board'* trid tinqala' u huwa perikoluż. Wara dan kien hemm sospensjoni żgħira tal-laqgħa. Wara li kompliet il-laqgħa l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri talab biex tintbagħat email uffiċjali lil Ministru Farrugia, u lis-Sur Omar Debono fl-

uffiċju tiegħu u lil Kap Eżekuttiv s-Sur Ivan Falzon sabiex it-turġien jerġgħu jinfetħu. Is-Sindku qabel ma din il-proposta.

66.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa dwar meta x-xogħol fuq il-pont ser ikun qed jibda u jekk dan ix-xogħol ikunx kopert mill-assigurazzjoni. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill huwa dejjem kopert mill-assigurazzjoni. Apparti hekk is-Sindku huwa f'kuntatt mall-perit tal-Enemalta u x-xogħol fuq il-pont għandu jibda dalwaqt. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jekk hemm cables taħt il-pont huwa importanti li jsir tunnel taħt l-art biex jekk jerġa jkun hemm il-ħsara ma terġax tinqala it-triq kollha.

66.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li qed jirċievi diversi lmenti dwar il-knis, fejn hemm diversi toroq li mhux qed ikun hemm kenniesa, u fejn hemm mhumiex qegħdin jitqassmu sewwa għax mhux qed iduru kullimkien. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li dawn l-aħħar tkellem ħafna mall-kuntrattur dwar in-nuqqasijiet kollha li qed ikun hemm, li fost affarijiet oħra hemm nuqqas ta' management tal-kenniesa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa importanti li l-kenniesa dejjem jitqassmu tnejn il-parti ta' fuq tal-Marsa filwaqt li t-tnejn l-oħra jitqassmu fil-parti t'isfel.

66.4.4 Il-Viċi Sindku talab update fuq ix-xogħol li qed isir fi Pjazza Magri. Is-Sindku spjega li parti tat-triq kienet qed tisfronda wara li drenaġġ beda jiskula mill-katusi għall-ġewwa ġibjun li kien hemm taħt it-triq. Dan kien qed iwassal biex it-triq bdiet tisfronda. Is-Sindku spjega li ser ikun qed isir saqaf ġdid u wara terġa ssir it-triq. Wara diskussjoni fost dawk preżenti, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar il-possibbiltà li l-ġibjun jiġi salvat biex ikun jerġa jistgħu jilqa' għall-ilma tax-xita. Is-Sindku qal li wieħed jista' jistaqsi dwar din il-possibilità mall-perit.

## *66.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

66.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 09/2023 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet l-oħra mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *66.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

66.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' qed tissuġġerixxi li min din is-sena għal żmien il-Milied tintrama' l-Pjazza ta' quddiem il-Knisja. Huma qed joffru li jieħdu l-inkarigu li jarmaw din il-pjazza. Il-ħlas ta' dan is-servizz ikun ta' €800 fejn jinkludu l-5 arbli tas-soltu u jiżdiedu tnejn jew tlieta oħra magħhom u kif ukoll id-disinji. Wara diskussjoni fost dawk preżenti kien hemm qbil li jsir dan, l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

66.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill irċieva ittra legali għan-nom tal-Inġinier Raymond Piscopo, resident fi Triq Isouard rigward road hump li ġiet installata quddiem ir-residenza

tiegħu. Minħabba li din tiġi taħt il-kamra tal-mistrieħ tas-Sur Piscopo, qed tikkawża fastidju u inkonvenjent. Is-Sindku spjega li kien propju l-Inġinier Piscopo li talab għal diversi xhur li ssir ir-road hump, tant li hemm kollox iddokumentat bil-korrispondenza fuq facebook u anke b'emails. Il-Kunsill għamel l-applikazzjoni, u Transport Malta kienet qablet perfettament li din issir u hawn ukoll is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-approvazzjoni tal-awtorità bid-dettalji ta' fejn trid teħel ir-road hump. B'hekk il-Kunsill huwa legalment korrett f'kull aspett. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsill ma laqgħatx it-talba tas-Sur Piscopo. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *66.7 Ftuħ Uffiċjali tad-Day Care Centre;*

66.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab li tinstab data addattata biex uffiċjalment tinfetaħ id-Day Care Centre għall-anzjani. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-post ser ikun uffiċjalment inawgurat nhar il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru fis-6.30 ta' filgħaxija. Ix-xewqa tal-Kunsill huwa li l-post ikun inawgurat mill-Prim Ministru bi plakka kommemorattiva, diskorsi tal-okkażjoni fost mistiedna distinti oħra u l-Kunsill kollu. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *66.8 Statwa tal-Kunċizzjoni u l-Post;*

66.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega fost dawk preżenti li l-istatwa tal-Kunċizzjoni qegħda attwalment għar-restawr u qed isir xogħol sabiħ ferm fuq din l-istatwa, tant, li r-restawratur xtaq ikun jaf min kien l-iskultur ta' dan ix-xogħol, hekk kif hija skultura sħiħa fuq il-ġebel u għandha xogħol fin ħafna. Kien diskussjoni fost dawk preżenti dwar il-post fejn għandha eventwalment titqiegħed din l-istatwa, u l-post maqbul huwa fi Triq is-Salib tal-Marsa, fejn għandu jkollha l-kuluri u pedestall li jamalgamaw kollox bħala proġett sħiħ. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *66.9 Update- World Clean-up Day;*

66.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-attività tal-Clean Up ser tkun qed tiġi estiża għas-Sibt 7 t'Ottubru bil-għan li jintlaħqu aktar nies sabiex jattendu għal din l-attività li tfakkarna dwar l-importanza li nżommu l-lokal nadif. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *66.10 Xelter Patri Magri;*

66.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li waqt xogħolijiet li kienu qed isiru fi Pjazza Magri, ġie misjub xelter ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, u li huwa pjuttost imdaqqas. Is-Sindku qal li huwa avża is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali dwar din is-sejba biex flimkien mall-perit

t'Infrastructure Malta ix-xelter jibqa' aċċessibbli biex fil-futur jiġi integrat bħala proġett bil-futur. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *66.11 Attivitajiet – Updates Ottubru – Novembru – Diċembru;*

66.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-attivitajiet li ser ikun qed isiru għal matul l-aħħar tlett xhur tas-sena. Fil-15 t'Ottubru ser ikun hawn l-attività tar-Reġjun bit-tema ewlenija tkun l-isports, li fiha ser ikunu qed jieħdu sehem diversi NGOs, fosthom ser ikun hemm l-Special Olymics, roti, u karozzi antiki għal wirja. Fit-2 ta' Novembru l-Kunsill ser ikun qed jagħmel ċerimonja qasira imma simbolika quddiem il-monument tal-gwerra fi Pjazza GF Abela, fejn ser ikunu qed jitqegħdu l-fjuri quddiem il-monument. Fit-12 ta' Novembru ser ikun qed issir mawra fil-Marsa fejn kull min huwa interessat jista' jara monument storiċi fil-lokalita' Marsija, dawn ser ikunu qed jinkludu ċ-Ċimiterju tat-Torok, il-kappella Ta' Ċejlu u dik Ta' Ceppuna. Matul ix-xahar ta' Diċembru ser ikun hemm diversi attivitajiet, madankollu, l-Kunsill iddiskuta u kkonkluda tnejn; fl-14 ta' Diċembru ser tkun qed issir il-Parade tal-Milied bejn is-7.30 u d-9.30 ta' filgħaxija b'aktar dettalji tal-attivita' ser tkun qed jingħataw fl-laqgħat li ġejjin. Finalment is-Sindku nforma l-dawk preżenti li fil-15 ta' Diċembru ser ikun qed isir il-ftuħ uffiċjali tad-Day Centre kif ġie mitkellem aktar kmieni matul il-laqgħa. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *66.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

66.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għas-26 t'Ottubru fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv